MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 173/2007

Il-Pulizija
(Spt. C. Magri)

vs.
Jeffrey J. Brincat u
Marvin Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
a. Fid-19 ta’ Novembru, 2003, ghall-habta tal-10.00 ta’ bil-lejl mill-mahzen tal-kumpanija Paul Cutajar Co. Ltd., li huwa sitwat fi Triq Sannat, Marsa, kkommettew serq ta’ kwantita ta’ prodotti bl-isem “Mr. Freeze”, ghad-dannu tad-dirigenti tal-istess kumpanija, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jecceddix l-elf lira u bil-hin;
b. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tad-dirigenti tal-istess

kumpanija, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (LM10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (LM50);
c. fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Novembru, 2003, mill-mahzen bla numru sitwat f'Moll il-Braken, Marsa, kkommettew serq ta' kwantita' ta' ghodod u oggetti ohra ghad-dannu ta' Maurice Meli Bugeja minn San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin u bil-hin;
d. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Maurice Meli Bugeja, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (LM10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (LM50);
e. lil Marvin Zammit wahdu, talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza datata 22 ta' Lulju, 2003, moghtija mill-Magistrat Dott. A. Micallef Trigona LL.D;
f. lil Jeffrey John Brincat wahdu talli fid-29 ta' Ottubru, 2003, ghall-habta tad-9.00 ta' filghaxija, minn Triq Schembri, Hamrun, ikkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha – V 80 bin-numru tar-registrazzjoni FAN042 ghad-dannu ta' Emanuel Tanti minn Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-hin;
g. lil Jeffrey John Brincat wahdu talli fid-19 ta' Novembru, 2003, ghall-habta tal-10.00 ta' bil-lejl fi Triq Sannat, Marsa, saq vettura tal-ghamla Skoda bin-numru tar-registrazzjoni EAQ232 b'manjiera perikoluza, negligenti u b'sewqan aktar milli jmissu;
h. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, dolozament bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' WPC 186 Doriette Camilleri, PC 960 Pierre Vassallo u PC 225 Joseph Filletti, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi saq l-imsemmija vettura fid-direzzjoni ta' l-imsemmija ufficjali pubblici waqt il-qadi ta' dmirijiethom, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

i. lil Jeffrey John Brincat wahdu talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li gew imposti fuqu b’sentenza datata 22 ta’ Lulju, 2003, moghtija mill-Magistrat Dott. A. Micallef Trigona LL.D;
j. lil Jeffrey John Brincat u Marvin Zammit talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 t’April, 2007 li biha wara li rat l-artikoli 18, 261, 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 325 tal-Kap. 9 u l-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap. 446, sabet lill-appellant Marvin Zammit hati tal-akkuzi kollha dedotta kontra tieghu barra dik ta’ ricettazzjoni in kwantu hija akkuza alternattiva, w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sena w dan wara li rat ukoll l-artikoli 17, 31 u 37 tal-Kapitolu 9, kif ukoll, wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280 u 325 tal-Kapitolu 9, sabet lill-appellant Jeffrey John Brincat hati tar-reati kontemplati taht dawn l-artikoli kif ukoll taht l-artikoli 15(1)(2)(3) tal-Kapitolu 65 u r-Regolament 127 ta’ l-Avviz Legali 128 ta’ l-1994 kif ukoll ta’ l-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446, u kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sentejn u dan wara li rat ukoll l-artikoli 17 u 31 tal-kapitolu 9. Skwalifikatu ukoll milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur wara li rat l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65. Illiberatu mir-ricettazzjoni in kwantu akkuza alternattiva kif ukoll mill-akkuza kkontemplata fl-ittra “h” tar-rinviju w cioe’ ta’ griehi.

Rat ir-rikors tal-appellant Jeffrey John Brincat minnu pprezentat fit-30 t’April, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha :
1. tilqa’ l-ewwel aggravju w tiddikjara illi s-sentenza appellata li nqrat fis-seduta tat-18 t’April, 2007 fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq premessi ma’ tistax tigi ezegwita kontra l-appellant peress illi din ma’ tikkostitwixxi ebda stat ta’ fatt kontrih;

2. tilqa’ t-tieni aggravju w tiddikjara s-sentenza appellata nulla, thassar u tirrevoka l-istess u tirrimanda l-atti ta’ din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skond il-Ligi;
3. tilqa’ t-tielet aggravju, w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn huwa gie misjub hati tar-reati kkontemplati taht l-artikoli 18, 261, 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 325 tal-Kapitolu 9. Hati wkoll tar-reati kkontemplati taht l-artikoli 15(1)(2)(3) tal-Kapitolu 65 u r-Regolament 127 ta’ l-Avviz Legali 128 ta’ l-1994 kif ukoll ta’ l-Artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap. 446 u fejn gie liberat mir-ricetazzjoni kif ukoll mill-akkuza kkontemplata fl-ittra “h” tar-rinviju u cioe’ ta’ attentat ta’ feriti gravi, u tbiddel dik il-parti fejn imponiet piena ta’ sentejn prigunerija w skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur u minflok timponi piena aktar gusta w idoneja ghall-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Marvin Zammit minnu pprezentat fit-30 t’April, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu tas-sejbien ta’ htija fir-rigward ta’ l-akkuzi fejn instabet htija w in kwantu ghad-dikjarazzjoni ta’ mhux hati ghal akkuza ta’ ricettazzjoni ghaliex hija akkuza alternattiva, tvarjaha in kwantu l-piena, billi minflok il-piena nflitta, tissostitwixxi ghall-istess piena, piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant **Jeffrey John Brincat** huma s-segwenti w cioe' :- 1. li s-sentenza li nqrat fis-seduta tat-18 t' April, 2007 ma tistax tigi esegwita kontra l-appellant Jeffrey John Brincat peress li din ma tikkostitwixxi ebda stat ta' fatt kontrieh stante li fid-dispozittiv tas-sentenza l-persuni li gew ikkundannati huma Marvin Zammit u Jeffrey John Zammit 2. Li minghajr pregudizzju ghall-generalita' tal-ewwel aggravju, s-sentenza appellata hija nulla ghaliex ma tissodisfax il-vot tal-ligi li jemana mill-Artikolu 382 tal-Kap.9; u 3. Li l-piena erogata kienet wahda eccessiva w gravuza w li ma taghmilx tajjeb ghall-kaz u l-Ewwel Qorti injorat kompletament is-sottomissjonijiet kongunti tal-prosekuzzjoni w tad-difiza li saru "*in open court*" dwar il-

fatt li l-appellant kien genwinament riformat u ri-integrat kompletament u per tant kien jimmerita li jinghata opportunita' ohra mill-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant l-iehor **Marvin Zammit** li huma limitati ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti, huma s-segwenti w cioe' :- L-appellant, meta tressaq quddiem l-Ewwel Qorti, inizjalment kien ammetta l-htija tieghu imma umbaghad fl-istess seduta kien irtira din l-ammissjoni. L-akkuzi jirrisalu ghal tlitt snin ilu w precizament ghal Novembru, 2003 meta l-appellant kellu biss sbatax il-sena. Illi jidher li l-Ewwel Qorti l-aktar li qieset kien il-fattur li meta gew kommessi dawn ir-reati, l-appellant kien taht liberta' kondizzjonata. Illi jekk l-appellant jintbaghat il-habs ser jitlef dak li bi tbatija kbira u sagrificcju rmexxilu jikseb. Illum il-kuncett mhux tas-sistema ta' piena retributtiva imma ta' sistema restorattiva, sa fejn hu possibbli w ghalhekk il-piena ta' sena prigunerija kienet eccessiva.

Rat il-fedina penali aggornata taz-zewg appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal tat-18 ta' Gunu, 2007, li bih il-prosekuzzjoni iddikjarat li l-Ispettur Magri kien qal quddiem l-Ewwel Qorti li l-appellanti ghandhom *"job"* fiss u li l-karattru taz-zewg appellanti nbidel ghall-ahjar.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat ir-rikors u Nota tal-appellant Jeffrey John Brincat tas-26 ta' Gunju, 2007;

Rat in-Nota ulterjuri tal-istess appellant tat-28 ta' Gunju, 2007;

Rat ir-risposta ghall-istess rikors tal-Avukat Generali tat-28 ta' Gunju, 2007, fejn ma opponiex ghat-talba tal-appellant Brincat sabiex ikunu ammessi n-noti sopra riferiti;

Rat id-Digriet taghha tat-28 ta' Gunju, 2007 fejn ammetiet iz-zewg noti tal-appellant Brincat u ordnat in-notifika tal-Avukat Generali bl-istess Noti;

Rat in-Nota Responsiva tal-Avukat Generali tad-9 ta' Lulju, 2007;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel agravju tal-appellant **Jeffrey John Brincat** li s-sentenza appellata ma taghmilx stat fil-konfront tieghu, jigi osservat li ghalkemm is-sentenza appellata kemm fl-okkju taghha kif ukoll fil-premessi, konsiderazzjonijiet u anki fil-parti fejn kienet qed tghid ta' x'hiex qed issib htija fl-appellant, dejjem semmiet il-kunjom korrett "BRINCAT", fl-ahhar paragrafu li jikkontjeni l-kundanna, qalet testwalment hekk :-

*"Fil-konfront ta' Jeffrey John **Zammit** tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn u dan wara li rat l-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 . Tiskwalifikah ukoll milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur mil-lum wara li rat l-artikolu 15 tal-Kap. 65."* (emfasi w sottolinear ta' din il-Qorti)

Illi l-abbli prosekutur issottometta li dan kien kaz ta' "*lapsus calami"*.

Ikkonsidrat;

Illi kaz analogu ghall-dan kien gie deciz minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia et"** [2.10.2002], fejn wiehed mill-appellanti John Bugeja, f' parti mis-sentenza kienet saret riferenza ghalih bl-isem "Joseph" minnflok "John". Din il-Qorti kienet irriteniet kif gej fir-rigward tal-aggravju relattiv ta' dak l-appellant :-

*"Illi l-ewwel aggravju ta’ dan l-appellant hu fis-sens li ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti sabet htija fil-konfront tieghu, li*

*jismu John Bugeja , ghax il-htija li instabet kienet fil-konfront ta' "JOSEPH" Bugeja. Illi minn ezami akkurat tas-sentenza appellata jidher li l-Ewwel Qorti fl-okkju tas-sentenza, fil-parti preliminari u fil-konsiderazzjonijiet u rizultanzi dejjem irriferiet ghal dan l-appellant korrettement bhala "JOHN BUGEJA" u dana ghamlitu ghal mhux inqas minn disa' darbiet in fila. Hu fatt pero' li meta giet ghad-dikjarazzjoni ta' htija, l-Ewwel Qorti - ovvjament u manifestament bi zball - irriferiet ghal "JOSEPH BUGEJA". Pero' immedjetament wara dan u fl-istess paragrafu, meta giet ghall-parti tal-kundanna, regghet irreferiet ghall-appellant Bugeja b'ismu korrett u cioe' "JOHN". Ghalhekk effettivament hu l-appellant John Bugeja w hadd aktar hliefu li gie kunndannat ghal sitt snin prigunerija, multa u sospensjoni tal-licenzja w din il-Qorti ma ghandix dubju dwar dan . Il-"lapsus calami" li hemm fis-sentenza ghax f'okkazzjoni wahda mill-hdax li fiha ssemma l-appellant Bugeja hu gie imsemmi erronjament bhala "Joseph", ghallkemm sfortunata, ma ghandux iwassal ghall-konkluzzjoni li tippretendi d-difiza , partikolarment meta fil-parti tal-kundanna l-appellant jissemma b'ismu korrett. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint. "*

Issa hu minnu li f' dan il-kaz l-izball qieghed fil-paragrafu tal-kundanna ghax fil-paragrafu li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' htija ma hemmx zball , pero' fil-fehma ta' din il-Qorti dan ghandu jigi ugwalment trattat bhala "*lapsus calami*" u ladarba isem l-appellant Jeffrey John Brincat jinsab miktub korrettement fl-okkju tal-kawza, darbtejn fil-paragrafu tad-dikjarazzjoni ta' htija tal-istess Brincat u mhux inqas minn hames darbiet ohra "*passim*" fis-sentenza, din il-Qorti ma tarax li ghandu jkun hemm dubju dwar min verament kien gie kundannat ghall-piena ta' sentejn prigunerija u min gie skwalifikat milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur, salv dak li ser jinghid aktar 'l isfel f' din is-sentenza.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellant Brincat - li necessarjament jolqot ukoll il-kaz tal-ko-appellant Zammit

- fis-sens li s-sentenza appellata hija nulla ghax ma tikkonformax ma' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti kkonstatat li minkejja li kontra z-zewg ko-imputati kien hemm mhux inqas minn ghaxar (10) imputazzjonijiet, inkluzi zewg addebiti ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal-art. 22 tal-Kap. 446 (Sic!), l-Ewwel Qorti, fil-parti introduttorja tas-sentenza rriproduciet **biss** l-ewwel tlitt paragrafi kontenenti zewg akkuzi ta' serq u akkuza wahda ta' danni volontarji.

Jidher li r-raguni ghal dan l-izball hija ovvja w cioe' ghaliex meta l-Ewwel Qorti giet biex tikkopja l-akkuzi, minnhabba li t-tieni pagna tal-att tal-prezentata giet illegata wara t-tielet pagna, fejn hemm biss paragrafu wiehed li jikonkludi l-att tal-prezentata, ma indunatx b' dan u ommettiet li tirriproduci s-seba' akkuzi jew addebiti l-ohra li hemm fuq it-tieni pagna. Dan zball sfortunat li ghandu f' dan il-kaz riperkussjonijiet fuq il-validita' tas-sentenza kif ser jinghid.

Inoltre meta umbaghad l-Ewwel Qorti giet biex tiddikjara ta' x'hiex kull wiehed miz-zewg appellanti kien qed jinstab jew ma jinstabx hati, minnflok semmiet il-fatti kostitwenti kull reat jew addebitu relattiv, illimitat ruha biex tghid li kienet qed issib lill-appellant Marvin Zammit "*hati taht l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu barra dik tar-ricettazzjoni in kwantu hija akkuza alternattiva",* bla ma qalet espressament dawn l-akkuzi liema kienu. Fil-kaz tal-appellant Brincat qalet biss li dan kien *"hati tar-reati kontemplati taht l-artikoli 18, 261,263,264, 265, 266, 267, 278, 279 280 u 325 tal-Kapitolu 9 u tar-reati kontemplati taht l-artikolu 15 (1) (2) (3) tal-Kapitolu 65 u r-regolament 127 ta' l-Avviz Legali 128 ta' l-1994, kif ukoll ta' l-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap.446."* Qalet ukoll li Brincat *"liberat mir-ricettazzjoni in kwantu akkuza alternattiva kif ukoll mill-akkuza kkontemplata fl-ittra* h *tar-rinviju u cioe' ta' griehi."*

Ikkonsidrat;

Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, <u>ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati,</u> taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici

Kriminali jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat; (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi skond gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita’ tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F’ kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti anki *“ex officio”* li thassar is-sentenza appellata. (ara f’ dan is-sens l-Appelli Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Paul Cachia**” [25.9.2003] ; **“Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**” [9.9.2002]; **“Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**” [10.7.2002 u 28.6.2002] **“Il-Pulizija vs. Donald Cilia**” [24.4.2002], “**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**” [14.9.2004]; “**Il-Pulizija vs. John Axiaq et”** [19.5.2005] ; **“Il-Pulizija vs. Stefan Abela”** [2.2.2006] u hafna ohrajn).

Illi bil-fatt li fil-parti introduttorja - ovvjament bi zball - l-Ewwel Qorti halliet barra seba' mill-ghaxar imputazzjonijiet u addebiti dedotti kontra l-appellanti jew xi wiehed minnhom u bil-fatt li fid-*decide* minnflok ma semmiet il-fatti ta' x'hiex kienu qed jinstabu hatja z-zewg appellanti rispettivament, imxiet kif fuq spjegat u rriferiet biss ghall-akkuzi kollha (bla ma specifikat x' kienu), fil-kaz ta' Zammit u fil-kaz ta' Brincat irriferiet biss ghall-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati bla ma semmiet ir-reati kollha kif dedotti fl-akkuza, u semmiet biss ir-reati fil-kaz taz-zewg appellanti fejn ma kienetx qed issib htija, gie li l-Ewwel Qorti ma qalitx il-fatti li taghhom kull wiehed mill-appellanti kien qed jigi misjub hati. Dan in-nuqqas jinficja s-sentenza fil-konfront taz-zewg appellanti minkejja li l-appellant Zammit ma ressaqx aggravju dwar dan. Imma mhux legalment koncepibbli li s-sentenza tigi annullata fil-konfront ta' wiehed mill-ko-appellanti biss meta n-nuqqas ta' formalita' sostanzjali - f' dan il-kaz - jolqot liz-zewg appellanti ugwalment. F' kull kaz din in-nullita' hija sollevabbli mill-Qorti <u>*ex officio*</u> ghalkemm f' dan il-kaz giet sollevata minn appellant wiehed biss (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Mifsud"** [10.8.2007] u sentenzi ohrajn.)

Ghaldaqstant, din il-Qorti ssib li t-tieni aggravju tal-appellant Brincat hu fondat u konsegwentement trid tannulla s-sentenza appellata w tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex jigi rettifikat dan in-nuqqas fis-sentenza appellata li jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma qalitx il-fatti li taghhom iz-zewg appellanti kienu qed jinstabu hatja.

In vista ta' din id-decizjoni din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn f' dan l-istadju tiddisponi mit-tielet aggravju tal-appellant Jeffrey John Brincat u l-uniku aggravju tal-appellant Marvin Zammit li jirrigwardaw il-piena.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabiex l-appellanti jergghu jitpoggew fil-pozizzjoni li kienu fiha immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

Il-Qorti thoss ukoll li ghandha terga' tattira l-attenzjoni ta' l-Ewwel Qorti ghall-izball fil-kunjom tal-appellant Jeffrey John Brincat fl-ahhar paragrafu tas-sentenza appellata biex dan ma jergax jigi ripetut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------